REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/367

tal-25 ta' Novembru 2024

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titlu tal-varjabbli għad-dejn eċċessiv, il-konsum u l-ġid fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/29

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/1700, jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għas-Semestru Ewropew ([2]) u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([3]), b'mod partikolari dwar id-distribuzzjoni tal-introjtu, il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Jipprovdi wkoll informazzjoni għal diversi politiki oħra tal-Unjoni relatati mal-kundizzjonijiet tal-għajxien u mal-faqar.

(2) Is-suġġett tad-dejn eċċessiv, il-konsum u l-ġid għandu importanza ewlenija, speċjalment għat-tqabbil statistiku tad-*data* bejn id-dominju tal-introjtu u l-kundizzjoni tal-għajxien u d-dominju tal-konsum, u jipprovdi informazzjoni dwar il-benesseri materjali li ma tistax tinkiseb mill-ġbir tad-*data* biss, u jkunu jistgħu jimtlew il-lakuni għat-tfassil tal-politika. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tispeċifika l-għadd u t-titlu tal-varjabbli għad-dejn eċċessiv, il-konsum u l-ġid.

(3) Biex ikun żgurat li tiġi ssodisfata t-talba ta' politika għal statistika aħjar dwar il-faqar enerġetiku, hemm bżonn kbir li jinġabru varjabbli dwar l-enerġija (sorsi tal-enerġija użati mill-unitajiet domestiċi u l-kost tal-enerġija) u għalhekk jeħtieġ jiġi emendat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/29 ([4]).

(4) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2019/1700, l-għadd tal-varjabbli li jridu jinġabru ma għandux jaqbeż b'aktar minn 5% l-għadd tal-varjabbli miġbura għad-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għadd u t-titlu tal-varjabbli fir-rigward ta' "dejn eċċessiv, konsum u ġid" fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien huma stabbiliti fl-Anness I.

([1]) ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1700/oj.
([2]) Is-Semestru Ewropew hu l-qafas tal-Unjoni Ewropea għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi u soċjali.
([3]) ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.
([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/29 tat-28 ta' Ottubru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titlu tal-varjabbli fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien fis-Suq tax-xogħol u l-abitazzjoni, it-Trażmissjoni interġenerazzjonali tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi, id-Diffikultajiet ta' abitazzjoni, u s-suġġett *ad hoc* tal-2023 dwar l-Effiċjenza enerġetika tal-unitajiet domestiċi (ĠU L 7, 12.1.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/29/oj).

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2022/29 hu emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Għadd u titli tal-varjabbli għall-modulu ta' kull sitt snin dwar id-dejn eċċessiv, il-konsum u l-ġid fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien.

Sett tal-varjabbli	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
Dejn eċċessiv, konsum u ġid	Dejn eċċessiv, inkluż ir-raġunijiet (14-il varjabbli miġbura)	HI022	Arretrati fuq kontijiet li mhumiex tal-akkomodazzjoni
		HI090	Għadd ta' selfiet (għajr is-self ipotekarju għax-xiri tar-residenza ewlenija)
		HI101	Self fuq proprjetà (inkluż għamara tad-dar, apparati u tiżjin ta' ġewwa, u għajr is-self ipotekarju għax-xiri tar-residenza ewlenija)
		HI102	Karozza, mutur, karavan, vann, rota jew mezzi oħra tat-trasport
		HI103	Self għall-kura tas-saħħa
		HI104	Self għall-edukazzjoni
		HI105	Self għall-ispejjeż ta' kuljum
		HI106	Self għal skopijiet oħra (għajr is-self ipotekarju għax-xiri tar-residenza ewlenija)
		HI120	Ammont dovut tal-aħħar xahar fuq self (għajr is-self ipotekarju għax-xiri tar-residenza ewlenija)
		HI111	Self (għajr is-self ipotekarju għax-xiri tar-residenza ewlenija) mingħand bank jew istituzzjoni finanzjarja oħra (bħal unjoni tal-kreditu, fornitur tal-mikrokreditu)
		HI112	Self (għajr is-self ipotekarju għax-xiri tar-residenza ewlenija) mingħand kumpanija tas-self payday jew sensar pawnbroker/ sarraf tal-flus kontanti
		HI113	Self (għajr is-self ipotekarju għax-xiri tar-residenza ewlenija) mingħand sorsi privati (bħall-familja u l-ħbieb)
		HI114	Self (għajr is-self ipotekarju għax-xiri tar-residenza ewlenija) bi skema ta' ħlas aktar tard jew ta' kreditu mingħand tal-ħanut/xiri bin-nifs mingħand il-bejjiegħ
		HI115	Self (għajr is-self ipotekarju għax-xiri tar-residenza ewlenija) mingħand sorsi oħra

Sett tal-varjabbli	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
	Konsum (5 varjabbli miġbura)	HC310	Ikel jew xorb fid-dar
		HC320	Ikel jew xorb barra mid-dar
		HC330	Trasport pubbliku
		HC340	Trasport privat
		HC350	Tfaddil (f'xahar tipiku)
	Ġid, inkluż is-sjieda ta' abitazzjoni (4 varjabbli miġbura)	HV010	Valur tar-residenza ewlenija
		HV070	Total pendenti mis-self ipotekarju għar-residenza ewlenija
		HV020	Pussess ta' proprjetà immobbli apparti r-residenza ewlenija
		HV080	Ħila li żżomm l-istess livell ta' għejxien bil-flus imfaddla
	Valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persuna nnifisha (varjabbli wieħed (1))	HS130	L-anqas introjtu fix-xahar biex tlaħħaq mal-ħajja

ANNESS II

Fl-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2022/29, is-sett tal-varjabbli dwar is-suq tax-xogħol u l-akkomodazzjoni huwa sostitwit bis-sett tal-varjabbli li ġej:

"Sett tal-varjabbli	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
Suq tax-xogħol u akkomodazzjoni	Karatteristiċi tal-post tax-xogħol (4 varjabbli miġbura)	PL230	Settur tal-impjiegi pubbliċi/privati
		PW100	Sodisfazzjon tal-impjieg
		PL260	Sigħat maħduma normalment fil-ġimgħa
		PL130	Daqs tal-unità lokali għall-impjieg ewlieni
	Status fl-impjieg (2 varjabbli miġbura)	PL120	Raġuni biex taħdem inqas minn 30 siegħa
		PL280	Tul tar-reġistrazzjoni tal-qgħad
	Livell edukattiv milħuq - dettalji, inkluż edukazzjoni interrotta jew abbandunata (2 varjabbli miġbura)	PE030	Sena meta nkiseb l-ogħla livell fl-edukazzjoni
		PE050	Edukazzjoni interrotta jew abbandunata
	Dettalji dwar il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni, inkluż privazzjoni u kera imputata (14-il varjabbli miġbura) 12-il varjabbli obbligatorji, 2 varjabbli fakultattivi)	HS160	Problemi bl-abitazzjoni: mudlama wisq, m'hemmx biżżejjed dawl
		HS170	Storbju mill-ġirien jew mit-triq
		HC020	Daqs tal-abitazzjoni f'metri kwadri
		HC001	Sistema tat-tisħin użata
		HC002	Sors ewlieni tal-enerġija
		HC007	Kost totali tal-enerġija
		HC080	Sodisfazzjon ġenerali bl-abitazzjoni
		HY030	Kera imputata
		HH040	Saqaf joqtor, il-ħitan/art/pedamenti umdi, jew oqfsa tat-twieqi jew pavimenti jitmermru
		HS140	Piż finanzjarju tal-kost totali tal-akkomodazzjoni
		HS180	Tniġġis, ħmieġ jew problemi ambjentali oħra
		HS190	Kriminalità, vjolenza jew vandaliżmu fiż-żona
		HH081	Banju jew doċċa fl-abitazzjoni (FAKULTATTIV)
		HH091	Tojlit bil-flaxing fl-abitazzjoni għall-użu esklużiv tal-unità domestika (FAKULTATTIV)"